MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**MANDUCA PHILIP**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 554/2002/1

**Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata fid-drittijiet tal-asikurat taghha Mario Gatt u l-istess Mario Gatt**

**Vs**

**Kevin Fiorini**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm 1327.72c (elf u tlett mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmi) rappresentanti danni kkagunati fis- 6 ta' Dicembru, 2000 bejn il-vettura HAC 136, assikurata mal-kumpanija attrici u misjuqa mill-attur, meta filwaqt li kienet stazzjonata fil-bypass hdejn l-Universita, giet mitlquta minn wara mill-vettura DOD 090

misjuqa mill-konvenut u mbuttata fuq il-vettura EZZ 862 li kienet quddiema u misjuqa minn Jason Aquilina. Dan jidher miz-zewg formoli ta' 'front-to-rear' incidents' hawn annessi u mmarkati Dok A u B.

In segwitu ghall-ittra ufficjali tat- 13 ta' Marzu, 2001 l-asikurazzjoni tal-konvenut, il-Fenici Insurance Agnecy Ltd, accettat responsabilita ghall-incident ghan-nom tal-assikurat taghha kif jidher mill-kopja tal-fax taghha tal-14 ta' Marzu, 2001 (Dok C). Izda sal-lum l-atturi ma thallsux d-danni li sofrew ammontanti ghal elf tlett mija sebgha u ghoxrin lira Maltin tnejn u sebghin centezmi (Lm1327.72) dan kwantu ghal elf mitejn hamsa u erbghin lira Maltin tnejn u ghoxrin centezmi (Lm1245.22) dovuti lill-kumpanija attrici u kwantu ghal tnejn u tmenin lira Maltin u hamsin centezmi (Lm 82.50c) dovuti lill-attur u dana ghalkemm saret ittra ufficjali ohra fid- 9 ta' Awissu 2001 u ittra legali fil- 5 t' Ottubru, 2001.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-imsemmija ittra ufficjali tal-14 ta' Marzu 2001 u 9 ta' Awissu 2001 u dik kontestwali lill-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax ta' 8 % mill- 14 ta' Marzu 2001.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci ;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjes u l-interessi skond il-Ligi.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**